30 ta' Jannar, 1954

Imħallef:

Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Salvu Zerafa

**Karrozza tal-Mutur — Assikurazzjoni — Riskji tat-Terzi Persuni — Polza ta' l-Assikurazzjoni — Liċenza tas-Sewqan — Sospensjoni**

*Bejn ir-reat ta' sewqan ta' karrozza tal-mutur mingħajr liċenza tas-sewqan u dak ta' sewqan ta' dik il-karrozza mingħajr polza ta' assikurazzjoni għar-riskji tat-terzi persuni, ma hemmx assorbiment. Dan l-assorbiment jista' jkun hemm loku, fil-każi kongruwi, meta polza jkun hemm, iżda titqies li saret ineffikaċi minħabba sewqan da parti ta' min ma kellux liċenza tas-sewqan, u mhux meta polza ma kienx hemm.*

*Il-fatt li wieħed jinkarika impjegat tiegħu biex imur iħallas u jġib il-polza tas-sikurtà, u li seta' ħaseb onestament li sakemm huwa għamel użu mill-karrozza dak l-impjegat laħaq ħallas u ġieb il-polza, u li għalhekk dik il-polza kienet operativa fil-waqt li sar is-sewqan, ġie f'din is-sentenza ritenut bħala "special reason" biex il-Qorti tnaqqas il-perijodu minimu preskritt mill-liġi għas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan.*

B'sentenza tagħha tal-5 ta' Novembru, 1953, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imputat ħati talli saq truck li ma kienx liċenzjat u talli għamel użu ta' l-istess truck bla polza tas-sikurtà ("third party risks"), u kkundannatu għall-multa ta' £2.10.0 għall-ewwel imputazzjoni, u għall-multa ta' £5 għall-imputazzjoni l-oħra, u skwa-

lifikatu milli jkollu jew jottjeni liċenza tas-sewqan għal perijodu *ta' tnax il-xahar; il-pieni jitħallsu żmien xahar;*

L-imputat appella;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti kkunsidrat:

Dwar l-imputazzjoni li t-truck misjuqa mill-imputat ma kienetx liċenzjata, il-fatt ma hux negat mid-difiża. li però tippretendi li dan ir-reat hu assorbit fl-ieħor ta' sewqan bla polza tas-sikurtà. F'dan il-każ ma hemmx dan l-assorbiment: għaliex dak jista' jkun hemm loku, fil-każi kongruwi, meta polza jkun hemm, iżda titqies li saret "void" minħabba sewqan *bla liċenza*, u allura n-nuqqas ta' liċenza jkun imdaħħal bħala wieħed mill-elementi tar-reat ta' nuqqas ta' polza. menteri f'dan il-każ polza ma kienx hemm fil-ħin rilevanti, ċjoè dak il-ħin kienet nieqsa għal kollox;

Kwantu għas-sewqan bla polza, id-difiża ma tinnegahx, iżda titlob li ċ-ċirkustanzi tal-każ jitqiesu bħala "special reason" biex tiġi eskluża l-iskwalifika;

Issa, deher mill-provi, mhux kontradetti, li r-reat sar fil-disgħa u kwart ta' fil-għodu. Fis-sebgħa ta' fil-għodu l-imputat kien inkarika lil *ċertu* Bonello jieħu l-polza, u tah il-flus. Dan Bonello ittarda xi daqsxejn, u l-polza bdiet isseħħ, kif jidher mill-provi, fl-għaxra ta' fil-għodu — tliet kwarti wara li sar ir-reat. L-Ewwel Qorti rriteniet li dawn il-fatti ma jikkostitwux "special reason", u semmiet prinċipju tal-ġurisprudenza Ingliża. Din il-Qorti ma setgħetx tikkontrolla din il-ġurisprudenza ċitata mill-Maġistrat, għaliex ma hemmx id-dettalji soliti ta' riferenza. Probabilment il-Maġistrat ried jirriferixxi għall-kawża "Rennison vs. Knowler", All Eng. Law Rep. 302, deċiża fl-1947, li l-Imħallef sedenti sab riportata, fis-sunt tagħha, fil-ktieb reċentissimu ta' Blake Carn intitolat "Special Reasons", 1951, fil-paġ. 13; iżda dan hu każ divers. Inveċe, il-każ li jattalja ruħu għal dak preżenti hu dak imsemmi fil-ktieb "Road Traffic Prosecutions" ta' Wilkinson, 1953, p. 121, ċjoè il-każ "Kerr vs. McNeill" (1949) No. 1, 19, li fih ġie kunsidrat li kien hemm "special reason" fil-każ ta' wieħed li kien inkarika l-impjegat tiegħu biex iġib il-liċenza, u tah il-flus għall-liċenza, u mbagħad, wara granet, taħt il-kredenza li l-

liċenza kienet ottenuta u mħallsa, ippermetta lil dak l-impjegat isuq;

Issa, f'dan il-każ tal-lum, *l-imputat ta l-flus għall-polza* lil Bonello fis-sebgħa ta' fil-għodu, u għalhekk jista' jiġi lilu abbonat li seta' jaħseb li, sad-disgħa u kwart, il-polza kienet qegħdha topera. Fil-fatt saret operativa tliet kwarti wara, ċjoè fl-10 a.m. Għalhekk il-Qorti hi ta' fehma li hemm "special reasons" li jiġġustifikaw *riduzzjoni taż-żmien* ta' l-iskwalifika;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell fis-sens biss li l-perijodu ta' l-iskwalifika jiġi ridott għal żmien xahrejn minn *nhar it-Tnejn*, l-ewwel ta' Frar, 1954. Il-multi jitħallsu fiż-żmien ordnat mill-Maġistrat; liema żmien, però, jibda jgħaddi mill-lum.